**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Numru 822/2023/1

Fl-Atti tas-Subbasta Nru 50/2022 fl-ismijiet:

**MARY RITA MIFSUD (KI 291459M)**

**VS**

**MICHAEL MIFSUD (KI 737249M)**

**Provvediment tal-Ħamis, ħdax (11) t'April 2024**

1. Dan hu provvediment dwar talba magħmula mill-konvenut debitur eżekutat Michael Mifsud permezz ta' rikors datat ħdax (11) ta' Marzu 2024 intavolat ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-Qorti tordna li l-att eżekuttiv, ossia r-rikors għall-qbid ta' ħwejjeġ immobbli u bejgħ fl-irkant tal-31 ta' Awwissu 2022 jiġi mħassar, fis-sħiħ jew in parti;

**Il-Qorti**:

2. Wara illi reġgħet rat ir-rikors tad-debitur eżekutat Michael Mifsud datat ħdax (11) ta' Marzu 2024 u d-dokument anness miegħu;

3. Rat ir-risposta tal-kreditriċi eżekutanti Mary Rita Mifsud datata għoxrin (20) ta' Marzu 2024 u d-dokumenti annessi magħha;

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-partitjiet waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 2024;

5. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

6. L-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi:

> *281.(1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.*

7. Dwar dan il-provvediment fil-liġi ngħad fis-sentenza spiss ċitata f'rikorsi ta' din ix-xorta mogħtija fl-ismijiet ***Edward Pace vs Michael Sultana et***[1]:

> *Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-għan li għaliha ddaħħlet din id-dispożizzjoni fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Minn dak li jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu għad-dħul tal-imsemmi artikolu fil-Kodiċi, ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-*

[1] Rik Nru 287/2005, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J R Micallef, 5 ta' Mejju 2005 (in ġudikat)

*mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A* [illum l-Artikolu 281] *jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra;*

*Illi l-liġi ma tgħidx x'tista' tkun "raġuni valida skond il-liġi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in ġenerali, jista' jingħad li mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawża preżenti m'huwiex Mandat kawtelatorju;*

*Illi, fil-qofol tal-kwestjoni, jirriżulta li bejn il-partijiet għad hemm kontestazzjoni dwar jekk it-titolu eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu nħareġ il-Mandat impunjat għadux fis-seħħ. Fil-fehma ta' din il-Qorti, għalhekk, sakemm ikun hemm provvediment ġudizzjarju dwar dan, jew sakemm ma jirriżultax minn dokument jew fatt maqbul bejn il-partijiet li jipprova t-twettiq jew l-estinzjoni tat-titolu, tali titolu eżekuttiv ikollu jitqies li għadu fis-seħħ*;

8. Ġie ritenut ukoll fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Victor Fenech et vs Anthony Fountain et***[2]:

[2] Appell Ċivili Nru 398/2012/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 30 ta' Novembru 2012

> *11. Il-proċedura taħt l-art. 281 hija sommarja, kif jixhdu wkoll it-termini qosra li timponi l-liġi għad-deċiżjoni fuq rikors magħmul taħt dak l-artikolu. Kwistjonijiet dwar jekk il-mandat inħariġx mill-qorti kompetenti, dwar jekk inħariġx bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv, dwar il-quantum tad-dejn kanonizzat, dwar l-identità tad-debitur kanonizzat – li kollha jistgħu jwasslu għat-tħassir tal-mandat jew ta' parti minnu – huma kollha kwistjonijiet li jistgħu jinqatgħu wara stħarriġ sommarju. Kwistjonijiet dwar il-proprjetà tal-ħwejjeġ milquta bil-mandat, li, bħal fil-każ tallum, iwasslu għat-tħassir mhux tal-mandat jew ta' parti minnu iżda tal-eżekuzzjoni, jeħtieġu stħarriġ aktar fit-tul li ma jistax isir fi smigħ sommarju.*

9. Jidher għalhekk illi filwaqt illi huwa minnu illi, hekk kif qalet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Dr Georg Sapiano vs Jette Scott,*** *"fi proċeduri bħal dawk odjerni, il-Qorti hija prekluża milli tqis il-mertu tal-kreditu eżistenti bejn il-partijiet"* u li *"Is-setgħa tal-Qorti f'talba ta' din ix-xorta hija limitata għall-eżami pjuttost formali tal-mandat de quo b'dana illi l-istess qorti hija prekluża milli tmur oltre mid-dettami tal-formalitajiet imposti mill-Artikolu 274 tal-Kap 12"*[3], kwestjoni dwar jekk id-dejn kanonizzat għadux kollu dovut jew ġiex imħallas parti minnu hija waħda illi tista' tiġi indagata minn din il-Qorti f'rikors intavolat ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Infatti, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Mary Saliba vs Charles Saliba***[4], il-Qorti tal-Appell (Superjuri) rrimarkat, *"Ir-raġel qiegħed effettivament jgħid illi l-obbligazzjoni kanonizzata bis-sentenza tħallset bit-transazzjoni, u għalhekk it-titolu eżekuttiv huwa eżawrit. Jekk tassew dan huwa minnu, din hija raġuni tajba biex tintlaqa' t-talba taħt l-art. 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."*;

10. Ikkunsidrati l-provi prodotti fl-assjem tagħhom, din il-Qorti l-ewwelnett tissenjala illi ma jidhirx illi qiegħed jiġi kontestat illi s-somma ta' **€12,216.43**

[3] Rik Nru 308/16, Qorti tal-Appell (Superjuri), 25 ta' Novembru 2016
[4] Rik Nru 254/2021/2, Qorti tal-Appell (Superjuri), 3 ta' Marzu 2022

**rappreżentanti spejjeż ġudizzjarji għadha dovuta**. Dan kemm għaliex id-debitur eżekutat stess jirrikonoxxi dan id-dejn fir-rikors tiegħu (para 20 tar-rikors tiegħu), kif ukoll għaliex din is-somma tirriżulta mit-taxxa uffiċjali annessa mar-risposta tal-kreditriċi eżekutanti bħala **Dok A2** a fol 19 tal-proċess;

11. Dak illi qiegħed jiġi kontestat huwa l-ammont rappreżentanti manteniment dovut mid-debitur eżekutat lill-kreditriċi eżekutanti. Id-debitur eżekutat qiegħed isostni illi huwa ħallas ammont sostanzjali mis-somma illi l-kreditriċi eżekutanti qiegħda tippretendi f'manteniment, b'dana illi t-total dovut f'arretrati ta' manteniment hija ta' €55,401, u mhux ta €75,801 kif pretiż mill-kreditriċi eżekutanti;

12. Fl-ewwel lok, din il-Qorti ma tistax ma tikkummentax dwar in-nuqqas ta' provi prodotti mid-debitur eżekutat. Hekk kif ingħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Christopher Cassar et vs Platinum International Malta Limited***[5]:

> *Illi fil-fatt l-artikolu 281 innifsu jimponi obbligu fuq id-debitur eżekutat illi flimkien mar-rikors għandu jippreżenta id-dokumenti kollha illi isostnu l-istess rikors. Dana ma sarx, u allura l-Ewwel Qorti kienet prekluża milli tinvestiga il-lanjanza abbażi ta' allegazzjonijiet biss magħmula miż-żewġ kontendenti.*

Din il-Qorti kienet tippretendi illi d-debitur eżekutat iressaq il-provi kollha illi kellu ta' ħlasijiet illi saru mar-rikors tiegħu. Fil-każ odjern huwa ppreżenta kopja ta' estratt ta' skambju ta' *e-mails* illi lanqas biss ġiet maħlufa jew konfermata bil-ġurament minn min allegatament għaddiha lilu, u, filwaqt illi jgħid illi qed jannetti kopja ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali mal-istess rikors, jonqos milli jagħmel dan. Din il-Qorti setgħet, kieku riedet, tieqaf hawn, iżda fl-ispirtu illi tara illi ssir ġustizzja u li l-ebda dritt tal-partijiet

[5] Appell Ċiv Nru 117/2013/1, Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ E Grima, 25 ta' Frar 2015

ma jiġi preġudikat, sejra tkompli l-indaġini tagħha, u dan billi (a) tikkunsidra l-estratt ta' skambju ta' *e-mails* bħala wieħed awtentiku gialadarba l-awtentiċita' tal-istess ma ġietx kontestata mill-kreditriċi eżekutanta, u (b) ħadet l-inizjattiva u akkwistat hija stess minn jeddha kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali illi għaliha jagħmel referenza d-debitur eżekutat;

13. Mill-estratt minn skambju ta' *e-mails* bejn il-kreditriċi eżekutanti u binha, jirriżulta illi f'*e-mail* mibgħuta f'Novembru 2013, il-kreditriċi eżekutanti qalet lil binha, *"hi mal, mela ha nibatlek kem tani. 500 kera 1/7/2013 375 mal 28/11/2013 2645 total bal 1455 baqalu jtini min dan il bilanc"*[6]. Il-kreditriċi eżekutanta, fir-risposta tagħha tgħid illi, *"Fl-email li qed jagħmel referenza għaliha ddatata s-somma ta' EUR 1,455 kienet qed tirreferi għal "dan il-bilanċ" cioe dawk pendenti tas-sena 2012, u mhux il-bilanċ sad-data tal-email. Tant hu hekk, hu kien dejjem iħallasha b'lura, b'hekk kien hemm bżonn ta' din il-komunika bl-email għax qatt ma ħallasha puntwalment. B'hekk fis-sena 2013 l-intimat kien għad fadallu jħallas s-somma ta' EUR 6,093 pertinenti s-sena 2013, u mhux inklużi dawk li kienu għadhom pendenti tas-sena 2012, cioe EUR 1,455 li mbagħad kienu inqataw fis-sena 2013 kif kien ġie ordnat mill-Qorti."*[7];

14. F'dan ir-rigward, din il-Qorti hija aktar inklinata illi taċċetta l-interpretazzjoni tad-debitur eżekutat tal-*e-mail* tal-kreditriċi eżekutanti, milli tal-kreditriċi eżekutanti stess. Dan aktar u aktar meta wieħed jikkonsidra l-fatt illi, filwaqt illi skont in-nota ġuramentata illi ġiet esebita in atti ta' rikorsi preċedenti, u annessa għal darb'oħra mar-risposta tal-kreditriċi eżekutanti għar-rikors odjern[8], għas-sena 2013 il-kreditriċi eżekutanti tippremetti illi għadu dovut bilanċ ta' €6,093, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Michael Mifsud***[9], ġie dikjarat, *"Illi fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2016, il-parte civile nfurmat lill-Qorti li l-appellant ħallas dak kollu dovut."* Il-Qorti taqbel mad-

[6] Annessa mar-rikors in eżami, a fol 5 tal-proċess
[7] A fol 10 tal-proċess
[8] **Dok A3** a fol 22 tal-proċess
[9] Appell Nru 53/2015, Qorti tal-Appell Kriminali, Onor Imħ A Mizzi, 8 ta' Novembru 2016

debitur eżekutat illi filwaqt illi l-proċeduri penali meħuda fil-konfront tiegħu kienu jirrigwardaw il-perjodu bejn Frar 2014 u Mejju 2014, li kieku kienu għadhom dovuti xi arretrati qabel dawn id-dati, kienu jiġu intavolati proċeduri penali appositi, jew jiġu inklużi fl-istess proċeduri penali. Għaldaqstant, din il-Qorti temmen illi d-dejn dovut sa Mejju 2014 tħallas, u t-titolu eżekuttiv fuqhom huwa eżawrit. Mhux l-istess, iżda, jista' jingħad għall-perjodu bejn Ġunju u Diċembru 2014, illi, bir-rata ta' €820 fix-xahar, iwasslu għas-somma ta' €5,740, preċiżament is-somma mniżżla mir-rikorrenti fin-nota ġuramentata tagħha bħala bilanċ pendenti għas-sena 2014. Konsegwentement, din il-Qorti sejra tordna illi l-att eżekuttiv jiġi ridott bis-somma ta' €6,093 biex jirrifletti l-premess;

15. In oltre, imbagħad, id-debitur eżekutat isostni illi fi skambju illi seħħ *Mingħajr Preġudizzju* f'April 2018 fuq tentattiv li jintlaħaq ftehim għal separazzjoni bonarja, kien ġie konfermat arretrati ta' manteniment dovuti lill-kreditriċi eżekutanta fl-ammont ta' €17,473. Din il-Qorti hija konxja illi dak illi jingħad fil-kors ta' trattattivi bil-għan illi jintlaħaq ftehim għal separazzjoni bonarja mhux dejjem ikun jirrifletti l-preċiża verita'. Difatti, il-Qorti hija aktar inklinata illi temmen lill-kreditriċi eżekutanti f'dan ir-rigward, u cioe, *"Illi ċ-ċifri kollha li qed jagħmel referenza għalihom l-intimat kienu appuntu tramite korrispondenza mingħajr preġudizzju bejn il-partijiet bit-tentattiv li jaslu għal ftehim, li qatt ma ntlaħaq."* Dan aktar u aktar meta ma nġabet l-ebda prova da parti tad-debitur eżekutat sabiex juri illi huwa effettivament ħallas il-manteniment minnu dovut għall-perjodu illi ppreċeda April 2018.

**Decide**

16. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tilqa' t-talba tad-debitur eżekutat limitatament billi tvarja l-att eżekuttiv u tirreduċi l-ammont dovut għal dak ta' **€81,924.43**, u tordna illi l-proċeduri għall-bejgħ bis-subbasta jipproċedu għal dan l-ammont.

Bl-ispejjeż a karigu ta’ Michael Mifsud.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Amanda Zerafa**
**Deputat Reġistratur**